MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 213/2005/1

**Ronald u Isabelle konjugi Camilleri;**
**Silvio u Rita konjugi Camilleri u Louis Camilleri**

**v.**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma;**
**Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Toroq;**
**u Kunsill Lokali tan-Naxxar**

Rat ic-Citazzjoni li l-atturi pprezentaw fl-1 ta' Marzu, 2005, li taqra hekk:
"Premess illi l-atturi Ronald u Isabelle konjugi Camilleri huma l-proprjetarji tal-fond Gemini, Triq San Pawl, Naxxar; Silvio u Rita konjugi Camilleri huma l-proprjetarji

tal-fond Barrado, Triq San Pawl, Naxxar; u Joseph u Louis Camilleri huma l-proprjetarji tal-fond Soleado, Triq San Pawl, Naxxar;

“Premess i lli fil-garaxx ii jifforma parti mill-proprjeta ta’ l-atturi qieghed jipperkola drenagg u ilma;

“Premess i lli jirrizulta li hemm hsara fis-sistema pubblika tad-drenagg li hemm fi Triq San Pawl, Naxxar. Dan apparti l-fatt li l-*water out flow outlet* li kienet giet installata fl-istess triq m’hijiex ta’ daqs sufficjenti ii tlehhaq ma’ l-ilma tax-xita li jingemgha fl-istess triq;

“Premess i lli l-konvenuti debitament interpellati sabiex jaghmlu x-xogholijiet mehtiega baqghu inadempjenti;
“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi, din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex, fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti taht id-direzzjoni u supervizjoni ta’ perit tekniku mahtur mill-Qorti jaghmlu dawk ix-xogholjiet kollha li huma mehtiega u neccessarji sabiex ma jibqax jipperkola ilma u drenagg gewwa l-proprjeta` fuq imsemmija.

“2. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

“3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, jekk hemm bzonn bl-assistenza ta’ perit tekniku.

“4. Tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom sabiex ihallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Mejju 2004, kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kap tad-Direttorat tat-Toroq li in forza taghha eccepixxa:
“(1) Illi, preliminaijament, gie sottomess illi llum il-gurnata ma tezistix il-figura ta’ “Direttur Generali tad-

Dipartiment tat-Toroq" u dan sa minn meta fl-2002 twaqqfet l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li inkorporat fiha l-funzjonijiet tad-Dipartiment tat-Toroq, dwar it-Trasport ta' Malta u ghaldaqstant ic-citazzjoni hija irrita u minghajr effett.

"(2) Illi, ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-gudizzju mhuwiex integru stante li *ai termini* ta' artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (Kap 332), ir-rapprezentanza guridika ta' l-Awtorita` & dwar it-Trasport ta' & Malta hija vestita principarjament u solidlament fic-*Chairman* u c-*Chief Executive* u "ghar-rigward ta' xi haga li tkun taqa' fi hdan il-funzjonijiet vestiti f'xi Direttorat, ir-rapprezentanza guridika ta' l-Awtorita' ghandha wkoll tkun tvesti fil-Kap tad-Direttorat"

"(3) Illi, wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-Kap tad-Direttorat tat-Toroq, kif ukoll l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, mhumiex il-legittimi kontradditturi f'dan il-kaz stante l-fatt illi l-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema tad-drenagg ma taqax taht il-mansjonijiet taghhom u ghalhekk ma jistax jinzammu responsabbhi ghal xi hsara li tirrizulta mill-istess.

"(4) Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut Kap tad-Direttorat tat-Toroq hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandha tigi respinta, stante li ha huwa u lanqas l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ma kienu involuti fil-formazzjoni ta' Triq San Pawl, in-Naxxar, liema triq jidher illi kienet giet furmata min-nies stess illi fethuha u li skond artikolu 20(8) tal-Kodici tal-Pulizija kienu fil-fatt responsabbli sabiex jiffurmaw it-triq "b'mod li jkun tajjeb ghas-sewqan ta' l-ilma".

"(5) Illi, kemm il-Kap tad-Direttorat tat-Toroq kif ukoll l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, qatt ma wettqu xi xogholijiet fl-imsemmija triq sabiex jinbidel jew b'xi mod jigi effetwat id-daqs ta' l-*storm water culvert,* liema tibdil

allegatment aggrava d-danni allegatament sofferti mill-atturi.

“(6) Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-triq in kwistjoni hija wahda residenzjali u ghaldaqstant il-manutenzjoni taghha ma taqax taht ir-responsabilita` tal-Kap tad-Direttorat tat-Toroq u lanqas ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta.

“(7) Illi in ogni kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi kellhon jiehdu kull prewkawzjoni necessarja sabiex l-ebda likwidu, ikun xi jkun, ma jipperkola ghal gewwa r-residenza taghhom.

“(8) Illi ghalhekk it-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“(9) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li in forza taghha eccepiet:
“1. Illi l-hsara li kien hemm fid-drenagg issewwiet.

“2. Illi l-istess korporazzjoni mhix responsabbli ghall-kanali ta’ l-ilma tax-xita.

“3. Illi l-istess korporazzjoni mhix responsabbli ghal xi danni li setghu sofrew l-atturi kif indikat fic-citazzjoni, stante li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti taghha;

“4. Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, id-danni allegatament sofferti mill-atturi jehtieg li jigu pruvati;

“5. Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici fil-konfront tal-korporazzjoni konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Naxxar li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Kunsilli Lokali m’ghandux il-manzjoni li jamministra is-sistema tad-drenagg tal-Lokalita`.

“2. Salv eccezzjoni ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Dicembru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“Mhux il-kaz li l-Qorti tidhol biex tezamina dettaljatament id-diversi eccezzjonijiet tal-Kap tad-Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta minhabba li l-htija irrizultat fuq il-konvenuti l-ohra u cioe` l-Kunsill Lokali tan-Naxxar u l-Korporazzjoni ghas-Servizz ta’ l-Ilma.

“Dwar l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali gja ntqal fuq li l-eccezzjoni tal-*force majeur* ma gietx sollevata meta kellha tigi sollevata oltre li l-elementi rikjesti ghas-success taghha ma jissussistux u ghall-motivi hawn fuq imsemmija tichadha.

“Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar issolleva wkoll li m’ghandux il-mansjoni li jamministra s-sistema tad-drenagg izda irrizulta ampjament li kien parzjalment kawza tax-xogohlijiet maghmula mill-istess Kunsill li graw il-hsarat.

“Dwar l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta’ l-Ilma jinghad li billi l-hsara ssewwiet id-danni xorta jissussistu. L-eccezzjoni tan-nuqqas tar-responsabbilta` ghall-kanali ta’ l-ilma tax-xita mhix eccezzjoni valida ghax irrizulta li parzjalment il-hsarat huma kawza ta’ l-agir tal-Korporazzjoni. L-istess jinghad dwar in-nuqqas da parti tal-Korporazzjoni dwar it-tielet eccezzjoni, u l-Qorti tirreferi ghar-rapport peritali. Id-danni li gew eccepiti gew ippruvati biss fil-kaz tal-fond ‘Giamini’ tal-konjugi Camilleri.

“Dwar it-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenuti Kunsill Lokali tan-Naxxar u l-Korporazzjoni ghas-Sevizz ta’ l-Ilma biex fi zmien tliet xhur jaghmlu x-xogholijiet mehtiega u necessarji.

“Tiddikjara lill-konvenuti Kunsill Lokali tan-Naxxar u l-Korporazzjoni ghas-Sevizz ta’ l-Ilma responsabbli ghad-danni sofferti mill-konjugi Camilleri, u dan dejjem bin-nofs kull wiehed minnhom.

“Tilliwida l-istess danni fl-ammont ta’ €13,196.69.

“Tikkundanna lill-konvenuti Kunsill Lokali tan-Naxxar u l-Korporazzjoni ghas-Sevizz ta’ l-Ilma jhallsu din is-somma lill-konjugi Camilleri.

“Dwar spejjez l-atturi Silvio Camilleri u Louis Camilleri ghandhom ihallsu nofs l-ispejjez tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Toroq oltre l-ispejjez taghhom. L-atturi konjugi Camilleri, nofs l-ispejjez tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Toroq, waqt li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar u l-Korporazzjoni tas-Servizz ta’ l-Ilma nofs kull wiehed ta’ l-ispejjez kollha rimanenti, inkluz nofs kull wiehed tar-rapport peritali.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Fil-kaz in ezami jezistu hames fatturi li jincidu fuq il-kawza ta’ perkolazzjoni ta’ ilma fil-fondi ta’ l-atturi

“1. Il-qlib, jew tpendil, ta’ Triq San Pawl, Naxxar.

“2. Id-disinn tar-*rainwater culvert* li hemm fl-istess triq.

“3. Alterazzjoni li saret fuq l-*outlet* tal-*culvert*.

“4. Hsarat fis-sistema tal-*foul drainage*.

“5. Fatturi ohra mill-propjeta ta’ l-atturi, estranji ghat-triq.

“019 L-esponent Perit Tekniku ser jitratta dwar kull wiehed minn dawn il-fatturi kif gej.

"020 IL-QLIB, JEW TPENDIL, TA' TRIQ SAN PAWL, NAXXAR

"021 Mill-provi jirrizulta li parti minn Triq San Pawl, vicin il-propjeta` ta' l-atturi, m'ghandhiex qlib adekwat. Anzi, din il-parti tat-triq taqleb bil-kontra (cioe` 'il fuq u mhux 'l isfel lejn Villa Arrigo), cioe` lejn quddiem id-djar ta' l-atturi tant li fl- ewwel lok ittiehdet id-decizjoni mir-*Roads Section* fi hdan il-*Works Department* tal-Gvern li jsir *culvert* fl-istess triq li jibda minn quddiem id-djar ta' l-atturi u jizbokka hdejn il-kappella, vicin Villa Arrigo. Dan il-qlib bil-kontra irrizulta peress li din il-parti tat-triq kienet pjanata li taqleb ghal fuq triq ohra, aktar fil-baxx, li kienet ghadha ma gietx miftuha meta gara l-incident fil-kwistjoni bir-rizultat li gew ikkawzati problemi ta' *flooding* li dwarhom l-atturi kienu ilmentaw mar-*Roads Section*. Jirrizulta li r-*Roads Section* hadet il-passi mehtiega u bniet *culvert* taht Triq San Pawl fis-sena 1989 sabiex jipprovdi ghal dan in-nuqqas fil-qlib tat-triq.

"022 Fir-raba eccezzjoni taghha, l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta eccepiet illi r-residenti kienu responsabbli sabiex jiffurmaw it-triq skond Artikolu 20(8) tal-Kodici tal-Pulizija u ghalhekk l-Awtorita` ma kinetx responsabbli ghal xi deficjenzi li irrizultaw fil-formazzjoni tat-triq li kawza taghhom qed ibghatu l-atturi. Ghalkemm, kif inghad fil-paragrafu precedenti, dan in-nuqqas fil-qlib tat-triq gie sorvolat meta r-*Roads Section* ghamlet il-*culvert* imsemmi, jigi rilevat li l-livelli ufficjali ta' triq u s-*surfacing* ta' l-istess triq isiru mill-awtoritajiet u mhux mir-residenti. Ir-residenti huma obbligati biss li jiffurmaw it-triq (cioe` jordmu jew jiskavaw skond il-kaz) sal-istess livelli mogtitija mill-awtoritajiet.

"023 ID-DISINN TAR-*RAINWATER CULVERT*

"Dwar id-disinn tal-*culvert* jirrizulta li dan kien ta' ghamla u daqs sufficjenti tant li mill-provi jirrizulta li qabel l-incident fil-kwistjoni tal-maltempata tal-15 ta' Settembru 2003, l-ilma kien dahal ghand l-atturi biss qabel ma gie kostruwit l-istess *culvert*. Ghalkemm tressqet ix-xhieda ta' l-ex Sindku tal-Kunsill Lokali Naxxar Anglu Xuereb li l-*culvert*

ma fihx tpendil bizzejjed, l-esponent ma jistax jaqbel ma' din l-allegazzjoni billi mill-pjanta tal-*culvert* Dok CEX1 fol 7 jirrizulta li hemm waqa' ta' hames metri (5m) f'tul ta' tlett mitt metru (300m) ta' *culvert* u ghalhekk tpendil ta' wiehed f'sittin (1:60) li huwa skond in-normi ghal dan it-tip ta' xoghol. Tant hu hekk li kif inghad aktar qabel, qabel ma sar l-intervent fuq il-*culvert* li qed ikun trattat fil-paragrafu segwenti, il-*culvert* kien qed jaqdi l-funzjonijiet tieghu sewwa.

"025 ALTERAZZJONI LI SARET FUQ L-*OUTLET* TAL- *CULVERT*

"026 Billi l-outlet tal-*culvert* fil-kaz odjern huwa tat-tip li jarmi f'telut li jispicca fix-xejn (cioe *outlet* mimdud) kuntrarjament ghal *outlet* li jkun f'dizlivell qawwi (cioe' *outlet* wieqaf), dan l-*outlet* sar originarjament f'tul ta' madwar tletin pied. Dan il-kobor (cioe' li l-area ta' l-*outlet* tkun bil-bosta akbar mill-*area* tal-bokkatura tal-*culvert*) huwa mehtieg sabiex jikkumpensa ghall-hadid li jifformaw il-gradilji f'dan it-tip ta' *outlet* u kif ukoll sabiex titnaqqas il-frekwenza ta' manutenzjoni necessarja billi dawn it-tip ta' *outlets* mimduda huma suggetti ghal aktar akkumulu ta' materjal li jnaqqas l-*outflow*.

"027 Jirrizulta li sar intervent fuq il-*culvert* li permezz tieghu tnaqqas id-daqs ta' dan l-*outflow* billi dan iccekken ghal zewg gradilji kwadri ta' zewg piedi l-wahda. Mill-provi jirrizulta li dan l-intervent sar mill-Kunsill Lokali Naxxar bejn is-snin 1994 – 1999 wara li kellu ilment minn residenti minhabba l-hsejjes li kienu jaghmlu l-gradilji li kien hemm fuq l-istess *outlet*, meta jghaddu l-karozzi minn fuqhom. Ma jirrizultax li saru interventi ohra fuq il-*culvert* wara li dan tlesta mir-*Roads Section*.

"028 Huwa minnu, kif xehed l-ex Sindku tal-Kunsill Lokali Naxxar Anglu Xuereb, li b'dan l-intervent li sar fuq l-*outlet* id-daqs tal-*culvert* ma naqsitx. Madankollu, l-esponent mhux ta' l-opinjoni li din kienet l-unika u l-aktar soluzzjoni ghaqlija, billi l-*performance* ta' *culvert* ma tiddependix biss fuq id-daqs tal-*culvert* izda tiddependi aktar fuq aktar fuq id-daqs ta' l-*outlet* ta' l-istess *culvert*.

Tant hu hekk, li mill-provi jirrizulta li l-ilma dahal ghand l-atturi wara li sar dan l-intervent fuq l-*outlet* tal-*culvert* mill-Kunsill Lokali Naxxar.

"029 Ghalhekk nikkonkludi li meta tnaqqas id-daqs ta' l-*outlet* tal-*culvert* mill-Kunsill Lokali Naxxar, il-performance tal-culvert giet affettwata drastikament fin-negattiv.

"030 HSARAT FIS-SISTEMA TAL-*FOUL DRAINAGE*

"031 Jirrizulta li kien hemm hsarat fis-sistema tad-drenagg li wara gew imsewwija. Jirrizulta wkoll li l-ilma li dahal ghand l-atturi kien *foul water (sewage)* jew ilma tax-xita mhallat bis-*sewage*. Dan jirrizulta billi huwa ben saput li hafna mill-ilmijiet tal-bjut ta' propjetajiet ohra fl-inhawi jintremghu fis-sistema tad-drenagg bir-rizultat li meta taghmel maltempata u s-sistema tad-drenagg ma tlahhaqx mal-ilmijiet jew inkella jigrilha xi hsara, allura l-ilma tax-xita mhallat bis-*sewage* li jkun qed jintrema fis-sistema tad-drenagg jibda jigri fuq it-triq fejn fil-kaz odjern mit-triq dahal fil-*basements* ta' l-atturi. L-esponent jeskludi li perkolazzjoni ghand l-atturi issuccediet mill-*main* tad-drenagg direttament, cioe` mill-katusi minn taht, kemm billi jirrizulta li l-*main* f din il-parti tat-triq jinsab madwar seba' piedi (7ft) fil-fond - u ghalhekk aktar baxx mill-*basements* ta' l-atturi - u kif ukoll billi mill-provi jirrizulta li l-ilma dahal ghand l-atturi minn fuq il-wicc tar-rampa ta' barra.

"032 Mix-xhieda jirrizulta wkoll li gieli jsehhu *delays* sabiex jissewwa d-drenagg minhabba l-burokrazija fil-Korporazzjoni u normalment jghaddu sahansitra madwar tliet xhur *average* sabiex tissewwa l-hsara mill-istess Korporazzjoni.

"033 FATTURI OHRA MILL-PROPRJETA` TA' L-ATTURI, ESTRANJI GHAT-TRIQ

"034 L-esponent jeskludi li l-ilma dahal ghand l-atturi minhabba xi nuqqasijiet fl-istess fondi ta' l-atturi kemm billi mill-provi jirrizulta li l-ilma nizel mir-rampa ta'

barra u kif ukoll billi fil-fondi ta’ l-atturi hemm gwiebi sufficjenti u drenagg fil-livell tal-*basement* ikkumnikat ghat-triq ta’ wara li tigi f’livell aktar baxx li jeliminaw il-possibbilta` li seta’ kien hemm *backflow* fil-basement ta’ l-atturi mill-proprjeta’ taghhom stess.

“035 Fis-seba’ eccezzjoni taghha, l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta eccepiet illi l-atturi kellhom jiehdu kull prekawzjoni necessarja sabiex l-ebda likwidu ma jipperkola ghal gewwa r-residenza taghhom. Madankollu, kif inghad fil-paragrafu precedenti, fil-fondi ta’ l-atturi jirrizulta li ttiehdu l-prekawzjonjiet necessarji sabiex kemm l-ilma tax-xita u kif ukoll id-drenagg mill-fond ta’ l-atturi jarmu ghal barra (jew ghall-giebja fil-kaz ta’ l-ilma tax-xita). Il-prekawzjoni li kellha tittiehed f’dan il-kaz kellha tittiehed mill-konvenuti stess sabiex kemm l-*outlet* tal-*culvert* ikun ta’ daqs sufficjenti u kif ukoll sabiex il-hsara fis-sistema tad-drenagg tkun kontenuta u rrangata fl-iqsar zmien.

“036 DWAR ID-DANNI

“037 Ghalkemm fid-citazzjonli ssir referenza ghal tliet fondi ta’ l-atturi bl-isem ‘Gemini (jew ‘Giamini’), ‘Barrado’ u ‘Soleado’, kemm mill-provi prodotti u kif ukoll minn dak indikat waqt l-access jirrizulta li l-perkolazzjoni ta’ ilma sehhet fil-fondi ‘Giamini’ (ta’ l-atturi Ronald u Isabelle konjugi Camilleri) u ‘Barrado’ (ta’ l-atturi Silvio u Rita konjugi Camilleri) biss.

“038 Jirrizulta wkoll li r-rapporti peritali mressqa mill-atturi bhala Dok. RC1 (a fol 5 tal-process), Dok. GA1 u Dok. GAX1 (annessi mar-relazzjoni) kollha jikkoncernaw il-fond ‘Giamini’ biss u fil-fatt dawn it-tliet rapporti huma indirizzati lill-attur Ronald Camilleri.

“039 Dwar hsarat fil-fond ‘Giamini’, l-attur Ronald Camilleri xehed li huwa sofra hsara fil-karozza Mercedes, affarijiet personali u van Partner li kellu fil-*basement* meta dahal l-ilma. Dwar hsarat ohra fil-fond ‘Giamini’, fir-rapport tal-Perit Godwin Abela Dok. GA1a jissemma li saret hsara fil-*”merchandise stored therein and wetting of*

*carpets in the adjacent recreation room. Moreover a portion of the concrete floor slab was also damaged and requires replacement.”* Dwar il-hsarat fil-Mercedes l-attur Ronald Camilleri ipprezenta prospett ta’ spejjez immarkat Dok. RCX2 fl-ammont totali ta’ erbat elef, erba’ mija u sebghin Liri Maltin (Lm4,470). Ipprezenta wkoll Dok. RCX1 fl-ammont totali ta’ elf, mija u hamsa u disghin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1,195.34) “dwar l--ispejjez tax-xoghliet u l-rnaterjal biex saru t-tiswjiet fil-basement tal-fond ‘Giamini”. Dwar il-hsarat fil-van Partner ma gie prezentat l-ebda prospett ta’ danni. Dawn il-prospetti ta’ danni ma gewx impunjati mill-konvenuti u dwarhom l-esponent jirrimarka li f’cirkostanzi bhal fil-kaz in ezami, fejn mill-provi jirrizulta li dahlu bejn tlieta u erba’ piedi (3-4ft) ilma fil-*basement* tal-fond ‘Giamini (li huwa ta’ daqs pjuttost kbir) f’zewg okkazjonijiet, wiehed jistenna danni f’dan ammont mitlub.

“040 Dwar hsarat fil-fond ‘Barrado’, l-attur Silvio Camilleri xehed li fil-maltempata tal-15 ta’ Settembru 2003 saritlu hsara ta’ eluf ta’ liri billi dahal l-ilma u drenagg fil-*basement* tieghu. Madankollu, f’dan is-sens la gew prodotti provi dwar f’hiex kienu jikkonsistu dawn il-hsarat u wisq anqas dwar il-*quantum* taghhom.

“041 L-atturi xehdu li l-proprjetajiet taghhom huma koperti b’polza ta’ l-assikurazzjoni li din l-assikurazzjoni ma koprietx kollox.

“042 Ghalhekk jirrizulta li l-atturi ressqu provi dwar danni li huma sofrew ghal dak li jirrigwarda l-fond ‘Giamini’ biss ta’ l-atturi Ronald u Isabelle konjugi Camilleri fl-ammont totali ta’ tlettax-il elf, mija u sitta u disghin Euro u disgha u sittin centezmu (€13,196.69).

“043 DWAR IL-GRAD TA’ RESPONSABBILTA` FUQ IL-KAWZA TAL-HSARAT

“044 Fis-sitt eccezzjoni taghha, l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta eccepiet illi l-manutenzjoni tat-triq fil-kwistjoni ma taqax taht ir-responsabbilta` taghha. F’ dan il-lat tressqu l-provi li Triq San Pawl taqa taht ir-

responsabbilta` tal-Kunsill Lokali Naxxar. Madankollu, Paul Gatt, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar, ghalkemm qabel li din it-triq taqa' taht ir-responsabbilta tal-Kunsill, zied li l-manutenzjoni tal-*culvert* ma taqax fir-responsabbilta` tal-Kunsill.

"045 Fl-ewwel lok jirrizulta pruvat li x-xoghlijiet ta' alterazzjoni ta' l-*outlet* tal-*culvert* saru mill-Kunsill Lokali Naxxar u fit-tieni lok jigi rilevat li din l-alterazzjoni ta' l-*outlet* tal-*culvert* aktar ghandha tkun meqjusa bhala tibdil straordinarju milli manutenzjoni ta' l-istess culvert (bhal tindif) liema alterazzjoni affettwat drastikament il-*performance* tal-*culvert* kif inghad f' paragrafu <u>029</u> aktar qabel.

"046 Mix-xhieda jirrzulta li kwalunkwe tibdil fil-*culvert* ikun irid jghaddi mid-distrett tal-*Works Department*. Ma jirrizultax li l-Kunsill Lokali Naxxar applika ghall-permess min-naha ta' l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta sabiex ghamel l-imsemmija alterazzjoni ta' l-*outlet* tal-*culvert*.

"047 Fit-tieni eccezzjoni taghha, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma eccipiet li hi mhix responsabbli ghall-kanali ta' l-ilma tax-xita. F' dan is-sens xehed Carmel Ebejer, Senior Technical Officer ma' l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta li qal li "bhala *culverts* fuq toroq arterji u distributorji, cioe` *main roads*, jaqghu taht l--Awtorita`"

"048 Ghalhekk, kemm l-alterazzjoni fuq l-*outlet* tal-*culvert* li saret mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar u kif ukoll il-hsarat fis-sistema tad-drenagg tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma kienu l-kawza tal-perkolazzjoni ta' ilma u l-konsegwenti hsarat u danni fil-propjeta ta' l-atturi. L-esponent hu ta' l-opinjoni li kemm (1) li kieku ma saritx l-alterazzjoni fl-*outlet* tal-*culvert* u sehhet biss il-hsara fid-drenagg u kif ukoll (2) li kieku ma sehhitx il-hsara fid-drenagg u saret l-alterazzjoni fl-*outlet* tal-*culvert*, l-ilma xorta wahda kien jidhol ghand l-atturi. Ghalhekk nikkonkludi li grad ta' responsabbilta fuq il-kawza tal-hsarat ghand l-atturi huwa ta' hamsin fil-mija (50%)

minhabba l-alterazzjoni fuq l-*outlet* tal-*culvert* li saret mill-Kunsill Lokali Naxxar u ta' hamsin fil-mija (50%) minhabba l-hsarat fis-sistema tad-drenagg tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

“049 FATTURI OHRA

“050 L-attur Silvio Camilleri xehed li fl-ahhar xita ta' Gunju 2007 ra ilma diehel b'sahhtu fil-garaxx ta' huh Ronald “mill-pedamenti, cioe' mill-ispazju ta' bejn il-filati ta' isfel u l-konkos ta' l-art tal-garaxx.” It-talba odjerna giet intavolata fl-01 ta' Marzu 2005 u tikkoncerna dhul ta' ilma minn fuq ir-rampi ta' barra. Ghalhekk dan l-incident ma jaqax fil-mertu tal-kaz odjern.

“051 Fil-hames seduta l-atturi iddikjaraw li fl-20 ta' Marzu 2006 marru ufficjali tas-Sanita` fuq il-post u nstab li l-*culvert* ghadu mizdud u hemm drenagg hiereg mill-*culvert*. In sostenn ta' din id-dikjarazzjoni ma tressqux provi.

“052 XOGHLIJIET RIMEDJALI

“053 Dwar il-*culvert*, ix-xoghlijiet li ghandhom isiru huma r-re-integrazzjoni ta' l-*outlet* tal-*culvert* f' tul ta' tletin pied (30ft) kif kien originarjament. Dan kif indikat fl-istess xhieda u rapport tal-perit ta' l-atturi Godwin Abela.

“054 Dwar is-sistema tad-drenagg jirrizulta li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta l-Ilma taghmel tiswijiet regolari u li gja saru xi tiswijiet fl-imsemmija triq. Kuntrarjament ghall-*culvert*, hsarat fis-sistema tad-drenagg jinqalghu matul iz-zminijiet u mhux facli li wiehed jispecifika ezatt fejn iridu jsiru t-tiswijiet. Ghalhekk, l-esponent jirrikmanda li fil-kaz tas-sistema tad-drenagg ghandu jsir *survey* mill-Korporazzjoni permezz ta' *Closed Circuit Television* (CCTV) sabiex kwalunkwe hsara fid-drenagg tigi identifikata u rimedjata. Dan aktar u aktar, tenut kont tal-fatt li mill-provi jirrizulta li fil-15 ta' Jannar 2006 rega' dahal ilma jinten fil-fond ta' l-atturi ‘Giamini'.

“055 KONKLUZJONIJIET

056 Jirrizulta li kawza ta’ alterazzjoni li saret mill-Kunsill Lokali Naxxar fuq l-*outlet* tal-*culvert* li hemm fi Triq San Pawl, Naxxar fil-grad ta’ 50%, giet ikkawzata perkolazzjoni ta’ ilma fil-fondi ta’ l-atturi ‘Giamini’ u ‘Barrado’.

“057 Jirrizulta wkoll li minhabba hsarat fis-sistema tad-drenagg tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma fil-grad tal-50% l-ohra, giet ikkawzata perkolazzjoni ta’ ilma fil-fondi ta’ l-atturi ‘Giamini’ u ‘Barrado’.

“058 Kawza ta’ din il-perkolazzjoni ta’ ilma fil-fond ‘Giamini’, l-atturi Ronald u Isabelle konjugi Camiileri sofrew danni fl-ammont ta’ tlettax-il elf, mija u sitta u disghin Euro u disgha u sittin Centezmu (€13,196.69).

“059 Ix-xoghlijiet rimedjali huma li l-*outlet* tat-*culvert* jigi re-integrat fit-tul originali tieghu ta’ tletin pied (30ft) filwaqt li dwar is-sistema tad-drenagg ghandha ssir *survey* bit-*Closed Circuit Television* mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma sabiex kwalunkwe hsara fid-drenagg tigi identifikata u rimedjata.”

“In segwitu saret talba ghall-eskussjoni tal-perit arkitett li fiha qal fir-relazzjoni semma li ha in konsiderazzjoni d-dokumenti kollha esebiti inkluz Dok. PG1 minn fejn jirrizulta li x-xita li nizlet dakinhar ta’ l-incident fil-kwistjoni fiz-zona ta’ Birikirkara kienet tammonta ghal 216.2 millimetri. Li kieku l-*outflow* tal-*culvert* ma ccekkinx, il-*performance* tal-*culvert* ma kinetx tkun affettwata drastikament fin-negattiv. Ir-rampa li taghti ghall-garaxxijiet ta’ l-atturi hija wahda wieqfa. Din ir-rampa tinzel f’livell fond ta’ madwar zewg metri (2m) mit-triq f’tul ta’ madwar disa’ metri (9m). Ir-rampa hija esposta ghall-ilma tax-xita. Madankollu, fil-fondi ta’ l-atturi ttiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex l-ilma li jaqa’ fuq ir--rampa jigi *drained* kif inghad fir-risposta precedenti. Matul perjodu ta’ erbatax-il sena minn meta sar il-*culvert* fis-sena 1989 sad-data ta’ l-incident fil-kwistjoni f’Settembru 2003 qatt ma dahal ilma ghand l-atturi. Ghalhekk jirrizulta li d-*drains* li kien hemm kienu jlahhqu sakemm iccekken l-

*outflow* tal-*culvert* u sakemm irrizultaw il-hsarat fis-sistema tad-drenagg taht it-triq.

"**F. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghaliex tiskarta xi konkluzjoni ta' natura teknika milhuqa mill-perit arkitett Alan Saliba. Infatti wara li ezaminat id-depozizzjonijiet kollha, inkluz ukoll id-dokumenti esebiti u wara li hadet in konsiderazzjoni l-konkluzjonijet peritali, taghmilha cara li taqbel mal-istess kunsiderazzjonijiet u taghmel l-istess taghha.

"Waqt il-provi irrizulta li sar tibdil fil-*culvert* u li tali tibdil kellu jghaddi mid-Distrett tal-*Works Department*, skond il-Perit Martin Farrugia, izda l-Kunsill Lokali tan-Naxxar ma applikax ghall-permess ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta sabiex jaghmel l-alterazzjonijiet ta' l-*outlet* tal-*culvert*. Dan jirrizulta anke mix-xhieda ta' Lorraine Cassar. Il-kawza tal-perkolazzjoni ta' l-ilma u konsegwenti hsarat saret minhabba l-alterazzjonijiet fl-*outlet* tal-*culvert* li sar mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar kif ukoll il-hsarat fis-sistema tad-drenagg tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Il-hsarat gew kawzati ghalhekk mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar u mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma 50% kull parti.

"Il-Qorti tirreferi ghal paragrafu 53 tar-rapport tal-perit bhala xoghol rimedjali. Dan jghid hekk:

"Dwar il-*culvert*, ix-xoghlijiet li ghandhom isiru huma r-re-integrazzjoni ta' l-*outlet* tal-*culvert* f' tul ta' tletin pied (30ft) kif kien originarjament. Dan kif indikat fl-istess xhieda u rapport tal-perit ta' l-atturi Godwin Abela."

"Il-perit illikwida d-danni biss riferibbilment ghall-fond 'Giamini' ta' l-atturi Ronald u Isabelle konjugi Camilleri fl-ammont ta' €13,196.69. Kien hemm ukoll hsarat fil-fond 'Barrado', izda prova ta' danni ma sarux.

"Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-Kunsill Lokali tan-Naxxar eccepixxa li hu m'ghandux il-mansjoni jamministra

s-sistema tad-drenagg tal-lokalita`. F’ebda hin ma issolleva l-eccezzjoni tal-forza magguri jew mill-kaz fortuwtu, ghalkemm ghazel li jissollevaha fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu. Jibda biex jinghad li la ma gietx sollevata bhala eccezzjoni l-Qorti ma tistax tikkunsidra din l-eccezzjoni ghax din mhux xi wahda ta’ ordni pubbliku.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Farrugia nomine vs Paul Agius nomine** deciza fil-31 ta’ Mejju 1999 minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Arrigo inghad li m'hemm ghalfejn tigi stipulata fil-ftehim - tapplika *ex lege*, izda certament dan l-aspett irid jigi eccepit b’mod formali u mhux imsemmi biss fin-noti. Inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Lamanna Matteo vs General Soft Drinks Company Limited** deciza fit-30 ta’ Marzu 2004 minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri inghad li l-livell ta' prova rikjesta fil-kawzi civili u li min ikun qed jallega li kien hemm forza magguri li kienet qieghda timpedih milli jesegwixxi obbligazzjoni jrid jaghmel il-prova hu stess ta' din il-forza magguri.

“Huwa pacifikament ricevut illi “l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur” (Kollez. Vol.XXXI P I p 467). Mill-gurisprudenza, u, cioe`, illi “*quando invece, vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono la conseguenza della proprie azione ed omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*” (Kollez. Vol. XXIV P I p 172). [Ara wkoll decizjonijiet f’dan l-istess sens riportati a Vol. XVIII P II p 164; Vol. XXX P II p 142 u Vol. XXXVII P II p 637, **Alfred Delia -vs- Segretarju Permanenti u d-Direttur tat-Toroq et**”, deciza fid-19 ta’ Mejju 2004 mill-Qorti ta’ l-Appell Civili Inferjuri, u **George Bonnici vs Phoenicia Hotel Ciompany Limited**, deciza mill-Onor. Imhallef Dr. Philip Sciberras (Qorti ta’ l-Appell Civili Inferjuri) fit-12 ta’ Jannar 2005].

“L-artikolu 1029 tal-Kap 16 jghid :

"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."

"Il-Qorti pero` thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza tal-kawza **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri (S.T. V. DeGaetano, Imhallef Magri, Imhallef T. Mallia) fit-3 ta' Ottubru 2008 inghad li:

"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna " 'il-forza magguri' hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza" (**Delia v. Segretarju Permanent et**, Appell (Inferjuri)19/05/2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, Appell Kumm. 7/06/1940), kif ukoll "*il caso fortuito o la forza maggiore e' l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile*" (**Azzopardi v. Arcicovich et**, Appell Civili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p.172). Biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'colpa (**Kurunell Hugh v. Negte Busuttil**, Appell Kummercjali, 16/11/1942). Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu (App. Inf. **Falzon vs Formosa** 4/12/1991)."

"Il-fatt li l-Kunsill Lokali kien iddecieda fuq xogholijiet wara li kellu xi ilmenti mir-residenti dwar hsejjes li jaghmlu l-gradilji, dan mhux sufficjenti biex jezonera lill-Kunsill mill-obbligi tieghu.

"Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali. Issa f'dan il-kaz l-element ta' imprevedibilita` ma jissussistix waqt li tezisti l-kontributorjeta` li ikkawzat id-danni (ara **Micallef vs Belle**

**McChance** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza fit-28 ta' Frar 2001, Appell Superjuri).

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tbiddel xi aspetti tar-rapport peritali."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kunsill Lokali Naxxar li in forza tieghu, ghar-ragunijiet premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Dicembru 2009, fl-ismijiet fuq premessi, fil-parti li tikkundanna l-esponent ghal hlas tad-danni tat-talbiet attrici, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat nomine, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-1 ta' Dicembru, 2009, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tirrevokaha fejn l-istess sentenza cahdet l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni appellanti u ddikjaratha responsabbli ghal nofs id-danni sofferti mill-atturi Ronald u Isabelle konjugi Camilleri u kkundannatha thallas lill-istess konjugi Camilleri nofs l-ammont ta' danni kif likwidati fl-ammont ta' €13,196.69, kif ukoll nofs l-ispejjez kollha rimanenti, nkluz nofs tar-rapport peritali, u taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-korporazzjoni konvenuta appellanti u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess korporazzjoni konvenuta appellanti, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta tal-atturi ghall-imsemmija zewg appelli li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, qed iqisu li s-sentenza tal-ewwel Qorti bhala gusta u li timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawza, l-atturi ghandhom proprjeta` fi Triq San Pawl, Naxxar, li fil-*garages* rispettivi qed jidhol drenagg u ilma u dan minhabba hsara fis-sistema pubblika tad-drenagg li hemm fl-imsemmija triq u bidla li saret fil-*culvert* ta' magenb it-triq. L-atturi qed jitolbu lil min hu responsabbli jsewwi l-hsara li hemm u jaghmel tajjeb ghad-danni li sofrew fil-proprjeta` taghhom. L-ewwel Qorti nnominat perit tekniku sabiex jassistiha fl-indagni taghha, u mir-rapport li hejja dan il-perit jirrizulta s-segwenti: il-fondi tal-atturi kienu mibnija tajjeb bi gwiebi sufficjenti u bid-drenagg pubbliku jithalla f'livell aktar baxx mill-*basements*; il-pendil tat-Triq San Pawl sar b'mod li l-ilma kellu jinqaleb fuq triq ohra li kienet ghadha mhix miftuha, bir-rizultat li l-ilma tax-xita beda jidhol, minflok, fir-residenzi tal-atturi; biex dan jigi evitat sar, mir-Roads Department, *culvert* twil u ta' wisa' bizzejjed biex jiehu l-ilma tax-xita; peress li kien hemm xi residenti jgergru bil-hsejjes li kienu qed jaghmlu l-karozzi fuq il-gradilji tal-*culvert*, il-Kunsill Lokali iddecieda li jnaqqas id-daqs tal-*outflow* tal-*culvert*, bir-rizultat li rega' beda jidhol l-ilma fil-*garages* tal-atturi. Il-perit tekniku sab ukoll li kien hemm zmien meta s-sistema tad-drenagg kienet bil-hsara, u sakemm saret it-tiswija (jekk saret), beda jidhol ghand l-atturi ilma tax-xita mhallat bis-sewage. A bazi ta' dan ir-rapport, l-ewwel Qorti lliberat lid-Direttur tat-Toroq (illum, il-Kap tad-Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta) minn kull responsabbilita`, u sabet iz-zewg konvenuti l-ohra responsabbli ghall-hsara fi grad indaqs: il-Kunsill Lokali tan-Naxxar minhabba x-xoghol hazin li wettaq meta ghamel alterazzjoni fl-*outlet* tal-*culvert*, u l-Korporazzjoni tal-Ilma minhabba l-hsara fis-sistema tad-drenagg. Id-danni gew likwidati fis-somma ta' €13,196.69.

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg konvenuti li nstabu responsabbli, u kull wiehed minnhom qed jitlob li jkun liberat minn kull responsabbilita`. Tajjeb li jigi osservat f'dan l-istadju li filwaqt li z-zewg appellanti qed jitolbu c-cahda tat-talbiet attrici fil-konfront taghhom, l-atturi ma ressqu ebda appell, hekk imsejjah, *del comodo*, biex f'kaz

li z-zewg appelli jigu milqugha, tigi mistharrga minn din il-Qorti r-responsabbilita` tad-Direttorat tat-Toroq fi hdan l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ghalhekk, id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' dan id-Direttorat issa ghaddiet in gudikat, u din il-Qorti ma tistax aktar tidhol biex, f'xi cirkostanza, tezamina r-responsabbilita` o meno tieghu.

Trattat l-appell tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, din ressqet aggravji li jolqtu r-responsabbiltajiet taghha fir-rigward tat-toroq, u l-kwantita` kbira ta' xita li nizlet dak inhar tal-incident bir-rizultat, skont hi, li dak li sehh ghandu jigi imputat lill-forza maggura u mhux lilha.

Huwa pruvat li Triq San Pawl taqa' taht ir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Issa, filwaqt li jista' jkun minnu li l-Kunsill m'ghandux il-mansjoni li jamministra s-sistema tad-drenagg tal-lokalita` u li l-*culverts* jaqghu taht ir-responsabbilita` tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, l-incident meritu tal-kawza sehh, kif irrelata l-perit tekniku, minhabba tibdil li ghamel il-Kunsill fis-sistema tal-*outflow* tal-*culvert*. Jirrizulta, li meta saret il-*culvert* mir-Roads Section, din il-*culvert* kienet ta' tul u wisa' bizzejjed biex tlahhaq mal-ilma tax-xita; anke it-tpendil ta' din il-*culvert* sar "skont in-normi ghal dan it-tip ta' xoghol". Gara li meta l-Kunsill iddecieda – u dan minghajr ma talab permess mill-Awtorita` responsabbli mit-toroq – li joltera l-*outflow* tal-*culvert*, u dan biex inaqqas il-hsejjes li kienu qed jaghmlu l-gradilji, affettwa l-funzjonabbilita` tal-istess *culvert*, bir-rizultat li meta nizlet xita ftit mhux hazin, l-ilma rega' dahal fil-fondi tal-atturi.

Il-perit tekniku irrelata li l-alterazzjoni fil-*culvert* "<u>affettwat drastikament</u> il-*performance* tal-*culvert*", bir-rizultat li din issa ma setghetx tlahhaq max-xita li nizlet dak inhar tal-incident. Il-Kunsill Lokali jghid li, skont il-ligi, huwa ghandu s-setgha jwettaq il-manutenzjoni tat-toroq, izda dan li ghamel il-Kunsill imur lill-hinn minn semplici manutenzjoni. Il-Kunsill ma naqqasx mid-daqs tal-*culvert*, pero` naqqas l-*outflow* tal-*culvert*, u dan minghajr ebda konsulenza teknika apparti dik tas-Sindku stess u minghajr ma ottjena l-permess tal-Awtorita` tat-Trasport. Jekk il-gradilji bdew jaghmlu hafna hsejjes, il-Kunsill Lokali

messu ha hsieb jirranga t-tqeghid taghhom, izda mhux li jbiddel is-sistema.

Hu veru li fit-triq, minhabba t-tpendil taghha, kien hemm problema ta' ilma, pero`, il-problema giet rizolta meta sar il-*culvert* meritu ta' din il-kawza li jiehu l-ilma minn quddiem ir-residenzi tal-atturi fi Triq San Pawl sa band'ohra, u kien hemm perjodu ta' cirka erbatax (14)-il sena minghajr problemi wara dan, sakemm il-Kunsill Lokali cekken l-izbokk tal-*culvert*. Hu veru wkoll li ghal tlett snin wara dan l-intervent mill-Kunsill Lokali, ma gietx ikkawzata hsara; dan ma jfissirx, pero`, li neccessarjament ix-xoghol sar tajjeb. Li jfisser hu illi kien hemm perjodu ta' tlett (3) snin li fih ma kienx hemm bizzejjed xita biex il-*culvert* ma jlahhaqx mal-ilma, izda meta fl-2003 nizlet ftit xita mhux hazin, il-*culvert* irrizulta mhux sufficcjenti, u dan minhabba l-alterazzjoni li twettqet fih.

Dwar il-principju ta' forza magguri, din mhix eccezzjoni li teknikament ghandha tigi kkonsidrata peress li ma tressqitx bhala difiza fin-nota tal-eccezzjonijiet u lanqas ma gie mitlub il-permess tal-ewwel Qorti biex titressaq bhala eccezzjoni ulterjuri. Tressqet bhala argument gdid fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-Kunsill Lokali, izda difiza ghat-talbiet attrici ma tistax titressaq b'dan il-mod. Fil-fatt, din il-Qorti fil-kawza **Cristina v. Mizzi**, deciza fis-27 ta' Marzu, 2003, osservat li bl-emendi *ad hoc* ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12 li saru bl-Att XXIV tal-1995, eccezzjoni ulterjuri tista' llum tigi sollevata <u>biss</u> bil-permess tal-Qorti (ara fl-istess sens **Galea v. Borg**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju, 2007).

Barra minn dan il-perit tekniku, rinfaccjat bil-qies tax-xita li nizlet dak inhar, xehed illi kieku l-*outflow* tal-*culvert* ma ccekkinx, ma kinetx tigri l-hsara li sehhet. Dan ifisser illi l-ilma (u d-drenagg) ma kienx jidhol fil-*garages* tal-atturi kieku l-Kunsill halla l-*culvert* jiffunzjona kif kien. Skont il-gurisprudenza *in subjecta materia*, jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-bniedem, allura l-event ma jibqax jinghad aktar li kien rizultat ta' forza magguri. Kif intqal minn din il-Qorti gia`

fis-sentenza **Azzopardi v. Arcicovich** deciza fl-14 ta' Novembru, 1919, "*il caso fortuito o la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile*".

F'dan il-kaz, il-hsara kienet evitabbli, u grat unikament minhabba intervent tal-Kunsill fis-sistema tal-*culvert* li ma sarx kif trid l-arti u s-sengha. Kwindi, f'kull kaz, din id-difiza ma kinetx tkun misthoqqa.

L-appell tal-Kunsill Lokali Naxxar qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Trattat issa l-appell tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, din tal-ahhar tissottometti illi l-kawza tad-dhul tal-ilma fil-fond tal-atturi ma kinetx l-allegata hsara fis-sistema tad-drenagg, izda x-xoghlijiet li kienu saru mill-Kunsill Lokali Naxxar fuq l-izbokk tal-kanal tal-ilma tax-xita. Din il-Qorti tirrileva, pero`, li bhala fatt jirrizulta li kien hemm hsara fis-sistema tad-drenagg, u li l-ilma li dahal fil-proprjeta` tal-atturi kien imhallat bi drenagg. Hu veru li f'dan il-kaz, dan dahal fil-proprjeta` tal-atturi minhabba x'xoghol hazin li wettaq il-Kunsill Lokali fuq *outflow* tal-*culvert*, pero`, dahal drenagg minhabba hsara fis-sistema, u l-perit tekniku irrelata li kieku ma saritx l-alterazzjoni fl-*outlet* tal-*culvert*, u sehhet biss il-hsara fid-drenagg, "l-ilma xorta wahda kien jidhol ghand l-atturi". Jidher car, allura, li l-hsara fis-sistema tad-drenagg (li l-perit tekniku mhux perswaz li giet imsewwija) ikkontribwiet mhux ftit ghall-hsara, ghax "*foul water*", hu zgur, jikkaguna aktar hsara minn semplici ilma tax-xita.

Dwar il-*quantum* tad-danni, ma tressaq ebda appell u kwindi din il-Qorti tikkonferma l-likwidazzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli kemm tal-Kunsill Lokali Naxxar kif ukoll tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma billi tichadhom it-tnejn u b'hekk qed tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif iddecidiet l-ewwel Qorti, waqt li l-ispejjez marbuta ma' dan l-istadju tal-appell jithallsu nofs kull wiehed mill-Kunsill Lokali Naxxar u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------